# Q O R T I  Ċ I V I L I
## (Sezzjoni tal-Familja)

## ONOR. IMĦALLEF
## ROBERT G. MANGION

**Illum 26 ta’ April 2018**

Rikors Guramentat Nru.  102 / 16RGM

Kawza fil-lista:  6

**A B C D**
**vs**
**E F G H**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat pprezentat mill-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi l-kontendenti izzewgu gewwa l-Jordan nhar is-27 ta' Gunju 2012 liema zwieg gie registrat fir-registru taz-zwigijiet f'Malta hekk kif jidher mic-certifikat;

2. Illi mill-imsemmi zwieg, il-kontendenti ma kellhomx tfal;

3. Illi l-kontendenti qatt ma ghexu flimkien u z-zwieg qatt ma gie kkunsmat.

4. Illi l-kunsens tal-kontendenti jew min minnhom hu vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja matrimonjali, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

5. Illi l-kunsens tal-kontendenti jew min minnhom inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

6. Illi l-kunsens tal-attrici inkiseb bi vjolenza, sew fizika sew morali, jew biza;

7. Illi ghalhekk illi z-zwieg celebrat bejn il-kontendenti huwa null u minghajr ebda effett fil-Ligi;

8. Illi ghalhekk kellu jigi ntavolat dan ir-rikors guramentat.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti qieghda, ghar-ragunijiet fuq imsemmija, bil-qima titlob illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha, prevja kull dikjarazzjoni mehtiega w opportuna, illi:

1. Tiddikjara li z-zwieg hawn fuq imsemmi celebrat bejn il-kontendenti fis-27 ta' Gunju 2012 huwa null u minghajr ebda effeti fil-Ligi.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li taqra kif gej:-

1. Illi l-eccipjenti jiddikjara li huwa jaqbel li dan iz-zwieg ghandu jigi dikjarat null, imma mhux ghar-ragunijiet indikati fir-Rikors Guramentat mertu ghal din ir-Risposta Guramentata;

2. Illi primarjament jigi rilevat li l-kontendenti izzewgu gewwa Malta nhar is-27 ta' Gunju tas-sena 2012 skont ir-rit Musulman, liema zwieg gie registrat mill-eccipjenti gewwa l-Jordan u mhux kif qieghed jigi erronjament allegat mill-istess attrici. Di fatti l-istess attrici qatt ma siefret gewwa l-Jordan flimkien mal-eccipjenti;

3. Illi l-eccipjenti jiddikjara li mill-imsemmi zwieg il-kontendenti ma kellhomx tfal u huma qatt ma ghexu flimkien;

4. Illi m'huwiex minnu li z-zwieg in kwistjoni hu vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq drittijiet u dmirijiet essenzjali tal-istess, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg min-naha tal-eccipjenti, izda huwa minnu li tali kunsens kien vizzjat b'dan il-mod min-naha tal-istess attrici;

5. Illi l-anqas m'huwa minnu li l-kunsens tal-eccipjenti nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva ta' wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali taz-zwieg jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg, b'dan illi tali aggravji ghandhom jigu attribwiti unikament lill-attrici u mhux lill-eccipjenti;

6. Illi l-eccipjenti jichad kategorikament li l-kunsens tal-attrici inkiseb bi vjolenza sew fizika sew morali, jew bil-biza' kif ser jirrizulta ampjament car waqt il-proceduri ta' din il-kawza;

7. Illi ghalhekk jekk tigi akkolta t-talba ghan-nullita' taz-zwieg, l-eccipjenti m'ghandux jissubixxi ebda spejjez relatati ma' din il-kawza;

8. Illi l-esponenti jaf b'dawn il-fatti personalment;

9. Salv risposta ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Bl-ispejjez kontra l-attrici, li hija minn issa stess ingunta in subizzjoni.

Rat ix-xhieda ta' Leanne Axiaq ghal Identity Malta li xehdet fis-seduta tal-10 ta' Mejju 2017;

Rat ix-xhieda ta' Amanda Grech, Administrative Executive ma' Identity Malta, li xehdet fis-seduta tat-8 ta' Gunju 2017;

Rat l-affidavit tal-attrici mahluf fl-14 ta' Lulju 2017;

Rat l-affidavit tal-konvenut anness ma' nota pprezentata fid-29 ta' Settembru 2017;

Rat ix-xhieda tal-partijiet in kontro-ezami li xehdu fis-seduta tat-30 ta' Jannar 2018, fejn il-partijiet iddkjaraw li irrespettivament mill-ezitu finali tal-kawza huma qablu li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet u l-kawza giet differita ghallum ghas-sentenza.

Rat l-atti kollha;

**IL-PROVI.**

Leanne Axiaq, clerk fl-Identity Malta, xehdet fis-seduta tal-10 ta' Mejju 2017.[1] Ix-xhud giet mitluba taghti informazzjoni dwar ic-certifikat taz-zwieg numru 1956

[1] Fol 35.

tat-2012. Hi pprezentat set ta' dokumenti li gew immarkati Dok DRP1. Xhedet li d-dokumenti kien ipprezenthom il-konvenut u li hi rceviethom minn ghand Lizienne Borg, mill-Marriage Section. Ix-xhud giet mitluba tikkummenta dwar il-fatt li skont ic-certifikat rilaxxjat mir-Registru Pubbliku il-partijiet izzewgu fil-Jordan mentri fil-fatt huma qatt ma kienu it-tnejn flimkien fil-Jordan. Ix-xhud irrilevat li fid-declaration hemm indikat li z-zwieg sar fil-Jordan. Mistoqsija x'tip ta' verifiki jsiru mid-dipartiment dwar l-infomazzjoni indikata mill-applikant irrispondiet li ma kienitx f'posizzjoni li tirrispondi ghal dawn id-domandi, u r-risposti setghu jinghataw minn xi hadd li jirregistra iz-zwiegijiet.

Amanda Grech, Administrative Executive ma' Identity Malta fi hdan ir-Registru Pubbliku, xehdet fis-seduta tat-8 ta- Gunju 2017.[2] Mistoqsija dwar il-procedura segwita fir-registrazzjoni ta' zwiegijiet f'Malta rrispondiet li skont l-artikolu 244 tal-Ligi jintalab ic-certifikat taz-zwieg u li wiehed mill-partijiet ikun cittadin Malti. Mistoqsija fejn sar iz-zwieg irrispondiet li sar f'Malta izda bi zvista gie indikat li sar fil-Jordan. Ix-xhud ipprezentat set ta' dokumenti parti mill-file relattiv ghac-certifikat taz-zwieg numru 1956/2012 li gie mmarkat Dok DRP1. Hi spjegat li l-izball sar mill-iskrivana li hadet id-dokumenti u l-mod ta' kif imliet l-formularju, fejn hemm il-firma tal-attrici u fejn gie indikat li zwieg sar fil-Jordan peress li 'ir-registrazzjoni tac-certifikat li gabet kien certifikat tal-Jordan. Gie realizzat li sar zball meta rcevew l-ingunzjoni mill-Qorti. Qabel ma kienux indunaw.

**L-attrici A Cassar**, fl-affidavit taghha mahluf fl-14 ta' Lulju 2017,[3] iddikjarat li zzewwget lill-konvenut bir-registru fis-27 ta' Gunju 2012 u ma kellhomx tfal. Il-konvenut kien mar wahdu l-Jordan u gab xi certifikat mieghu, u kif gie lura marru fir-Registru Pubbliku, bid-dokumenti li kien gab mieghu biex jigi registrat z-zwieg f'Malta u hareg ic-certifikat taz-zwieg 1956/2012.

Hi ddikjarat li hi u l-konvenut qatt ma ghixu flimkien. F'dak iz-zmien li zzewwget lill-konvenut kellha gharus li kienet tghix mieghu u dik n-nhar li marru r-Registru Pubbliku malli lestew hi marret ghand l-gharus taghha u l-konvenut mar ghar-rasu. Kienu ltaqghu biss sakemm il-konvenut gab id-dokumenti mill-Jordan u dik in-nhar li marru r-Registru Pubbliku u qatt ma regghu ltaqghu. Ghalkemm ghamlet xi zmien li kellha l-identity card registrata fuq l-indirizz tieghu fil-verita' qatt ma ghixet mieghu. Qatt ma kellhom relazzjonijiet intimi ma' xulxin.

Hi qalet li fiz-zmien meta kienu marru r-Registru Pubbliku, kellha boyfriend li kien jismu Nicholas, relazzjoni li spiccat xi sena wara, u wara ftit bdiet relazzjoni ohra mal-boy friend attwali taghha Stephen Vella.

[2] Fol 55.
[3] Fol 61.

Hi u l-konvenut qatt ma ghexu ta' mizzewgin flimkien, hi kellha l-gharus taghha u hu kellu hajtu. Kienet saret taf lill-konvenut billi ommha kellha l-ex ragel taghha, Hussien, li kien habib mal-konvenut u kien dan Hussien li qalilha li E ried jizzewweg. L-attrici tghid "Jien dak iz-zmien kont ghadni ta' sbatax il-sena u mohh ir-rih u dan E mar gab id-dokumenti u f'kemm ilhi nghidlek sibt ruhi mizzewga ma' ragel li lanqas biss kont naf". Ommha dak iz-zmien kellha depression u ma setghetx tifthilha ghajnejha u missierha qatt ma ha interess fiha.

Taf li l-genituri taghha ffirmaw xi dokumenti billi kienet ghadha taht l-eta' biex tizzewweg.

Hi tghid li kollox kien miftiehem bejn E u l-ex-ragel ta' ommha u hi sabet ruhha mizzewga bir-registru. Hi ma kinitx tirrealizza l-konsegwenzi taz-zwieg u xi jfisser zwieg. Illum li ghandha aktar sens tirrealizza li dan ma kienx zwieg u kien frott tal-immaturita' taghha.

Hi llum tirrealizza li lanqas E "ma ried veru jizzewweg kull ma ried hu li nizzewgu biex jakkwista c-cittadinanza".

Finalment iddikjarat li qatt ma ghixu flimkien, it-tnejn kienu jghixu ghar-rashom u ovvjament dar ma' kellhomx, qatt ma saru xi preparazzjonijiet ghaz-zwieg u qatt ma sar diskors fuq tfal jew hajja mizzewga. Ghalhekk tikkontendi li fil-fatt dan iz-zwieg ma kienx zwieg xejn u kien null mill-bidu net.

Meta xehdet in kontro-ezami, fis-seduta tat-30 ta' Jannar 2018,[4] hi ddikjarat li billi kellha biss 17 il-sena ma kienitx taf ghal xhiex kienet diehla u ma kienitx taf x'kienu r-responsabiltajiet, li rrealizzat x'kienu meta kibret fl-eta'.

**Il-konvenut E F G H**, fl-affidavit tieghu mahluf fis-26 ta' Settembru 2017,[5] iddikjara li l-ewwel darba li gie Malta kien fit-28 ta' Frar 2007.
Fl-2012 ltaqa' mal-attrici tramite l-habib tieghu Hussien Shtewe Alboul, li kien mizzewweg lil Joanne Debono, li tigi omm l-attrici minn relazzjoni precedenti. Saru jafu lil xulxin u zzewgu bir-rit Musulman fil-Moskea fis-27 ta' Gunju 2012. Kienet mehtiega l-awtorizazzjoni ta' Emmanuel Cassar, missier l-attrici biex l-istess attrici tizzewweg billi kien ghadd ghandha sbatax-il sena. Hu annetta bhala Dok A kopja tac-certifikat taz-zwieg li juri l-firma ta' missierha.

Qabel izzewgu hu kellu jitlaq minn Malta billi missieru kien marid serjament u kienu l-istess Joanne Debono u A Dli kitbu lis-sur Joe Mizzi fit-28 ta' Mejju 2012, Dok B, biex il-konvenut ikun jista' johrog u jirritorna lura Malta.

[4] Fol 84.
[5] Fol 64.

Fis-7 ta’ Awwissu 2012 kienet l-istess attrici, Dok C li kitbet lill-Ambaxxjata Taljana biex tinhareg Visa biex il-konvenut ikun jista’ jirritorna Malta.

Hu jghid li nhasad meta fit-2 ta’ Mejju 2014 rceva ittra mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) biex jattendi ghal seduta ta’ medjazzjoni billi l-attrici riedet tipprocedi b’separazzjoni personali. Fl-ewwel seduta fis-27 ta’ Mejju 2014 sar jaf li riedet tissepara billi kellha ragel iehor.

Ir-ragel ta’ Joanne Debono ma setghax jinfluwenzaha billi f’dak iz-zmien lanqas kienu qed jghixu flimkien.

Il-konvenut jghid li l-attrici kienet taf xi jfisser zwieg mill-aspett finanzjarju billi hi stess marret tapplika ghall-beneficcji socjali relatati maz-zwieg, u ezebixxa document li gie mmarkat Dok D.

Jghid li kieku l-attrici ma xtaqitx tizzewgu ma kinitx igib il-kunsens ta’ missierha. Hu kien jaf x’jfissru l-obbligi tieghu bhala ragel mizzewweg billi kellu 27 sena mentri l-attrici, li kienet ghadha minorenni, tammetti fl-affidavit taghha li ma kinitx taf x’jfisser zwieg.

Hu jichad l-allegazzjoni li z-zwieg sar biex hu jakkwista c-cittadinanza billi hu kien ilu Malta ghaxar snin u kieku dan kien jaghmlu f’dawk l-ghaxar snin mentri sal-gurnata li gie pprezentat l-affidavit hu kien ghadu ma applikax ghac-cittadinanza Maltija.

Hu ddikjara li z-zwieg sfaxxa fix-xejn billi l-attrici kienet zghira wisq biex tapprezza u tifhem l-obbligi u r-reponsabiltajiet taz-zwieg u ghalhekk jaqbel maghha li z-zwieg ghandu jigi dikjarat null.

Il-konvenut xehed in kontro-ezami fis-seduta tat-30 ta’ Jannar 2018.[6] Iddikjara li sar jaf lill-attrici tramite il-partner ta’ ommha li kien habib tieghu. F’dak iz-zmien l-attrici kellha 17-il sena. Jikkonferma li zzewgu ftit wara li ltaqghu u qal li l-kultura taghhom hekk hi. Hu ammetta li qatt ma ghixu flimkien bhala mizzewgin. Xehed li xi tmien tijiem wara li zzewgu hu kellu jmur l-Jordan billi missieru kien marad u l-attrici marret tghix ghand ommha. Skond il-kultura taghhom qabel jmorru jghixu flimkien isir kuntratt li fih jkunu involuti l-genituri. Hu spjega li jekk toghgbu tfajla jghid lil missieru u dan jkellem lil missierha u jekk jkun hemm qbil hu jaghmel certifikat biex ikun jista’ jiltaqa’ maghha. Hu jkun jista’ jkellimha wara li ssir il-kitba taz-zwieg.

[6] Fol 74.

Dam fil-Gordan xahrejn u ghoxrin gurnata u z-zwieg sar hawn Malta fil-Moskeja. Hu rregistra c-certifikat fl-insinwa tal-Jordan, u wara dan c-certifikat li gab mill-Jordan gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta.

Mistoqsi jekk wara li sar dan kollu ghexux flimkien irrisponda ‘Iva’, izda ma qal xejn aktar.

**KONSIDERAZZJONIJIET.**

Il-partijiet izzewgu fis-27 ta’ Gunju 2012.

L-attrici qed titlob li z-zwieg jigi dikjarat null u bla effett fil-ligi billi l-kunsens tal-kontendenti kien vizzjat b’difett serju ta’diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja matrimonjali [Artikolu 19(1) (d) tal-Kap. 255];, li l-kunsens tal-kontendenti inkiseb bl-eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu [Artikolu 19(1) (f)]; u li l-kunsens tal-attrici nkiseb bi vjolenza, sew fizika jew morali, jew biza [ Artikolu 19(1) (a) tal-Kap. 255].

Il-konvenut jaqbel li z-zwieg ghandu jigi dikjarat null pero’ ghar-ragunijiet unikament imputabbli lill-istess attrici.

L-ufficjali tal-Gvern xehdu dwar l-izball fic-certifikat taz-zwieg li kien jindika li z-zwieg sar fil-Jordan mentri fil-fatt dan sar fil-Moskeja f’Malta.

L-attrici ddikjarat li qatt ma ghexu flimkien, qatt ma kellhom relazzjonijiet intimi, li fl-istess zmien li zzewwget lill-konvenut kienet qed tghix mal-gharus taghha, li kellha biss sbatax-il sena u saret taf lill-konvenut ghax kien habib tal-ex-ragel ta’ ommha. Hi kienet ghadha immatura u ma kienitx taf x’jfisser zwieg. Tikkontendi ukoll li l-anqas il-konvenut ma ried verament jizzewweg u kull ma ried kien li jakkwista c-cittadinanza Maltija.

Il-konvenut jikkontendi li kemm l-attrici kif ukoll ommha kienu involvew ruhhom personalment billi kitbu lill-awtoritajiet biex jigi facilitat id-dhul u l-hrug tieghu minn Malta, li l-attrici applikat ghall-beneficcji socjali relatati maz-zwieg u li l-attrici gabet il-kunsens ta’ missierha biex tizzewgu. Hu jaqbel li z-zwieg ghandu jigi dikjarat null billi l-attrici kienet immatura u ma kienitx taf x’kienu l-obbligi u r-responsabiltajiet fiz-zwieg.

Meta xehed in kontro-ezami l-konvenut xehed f’certu dettal dwar il-kultura u l-process li jigi segwit meta ragel ikun jixtieq jizzewweg mara li toghgbu, pero’ ftit li xejn xehed dwar r-relazzjoni tieghu mal-attrici. Hu ammetta li bhala mizzewgin

ma ghexux flimkien u fl-ahhar tax-xhieda tieghu rrisponda 'iva' ghad-domanda li qatt ma ghexu flimkien.

Fir-risposta guramentata tieghu, para 3, jghid:

"Illi l-eccipjenti jiddikjara li mill-imsemmi zwieg il-kontendenti ma kellhomx tfal u huma qatt ma ghexu flimkien".

Ikkunsidrat;

Il-Qrati taghna dejjem irritenew l-istitut taz-zwieg bhala istitut ta' ordni pubbliku li jehtieg is-salvagwardji necessarji. Talba ghal dikjarazzjoni gudizzjarja li tnejn li resqu ghac-celebrazzjoni taz-zwieg effettivament ma zzewgu xejn tehtieg li tigi sorretta minn provi konvincenti li jnisslu fil-gudikant dak il-konvinciment necassarju li effettivament zwieg bejn il-partijiet ma kienx sehh nonostante li c-cerimonja segwit ir-rit impost mill-ligi.

Fil-kawza fl-ismijiet "**Anna Tonna vs Alexander Tonna**" deciza mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Novembru 1991 ntqal:

"F'materja ta' zwieg li hu ta' ordni pubbliku, ma tistax taghmilha daqshekk facli li parti tirrepti kliem il-ligi u l-parti l-ohra tammetti u b'hekk jirrendu z-zwieg annullabbli bl-iktar mod facli u espedjenti. Hawn ma ahniex fil-kamp ta' kreditu likwidu jew responsabilita' ta' xi kollizjoni imma f'kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax thalli nies li kappriccozament wara xi zmien ta' zwieg jiddecidu li kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iz-zwieg u meta jkollhom siehba jew sieheb iehor jergghu jakkwistaw malajr din d-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirrizultaw verament ragunijiet ghall-annullament tieghu l-istess zwieg ghandu jigi annullat pero' dan ma ghandux ikun sabiex jkunu akkomodati l-kapricci ta'dak jew l-iehor. Ghalhekk il-kawzali ghall-annullament ghandha tirrizulta cara u minghajr dubju".

Fil-kawza fl-ismijiet "**C Zammit vs Bernardette Zammit**" deciza mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Jannar 2006 ntqal:

"Irid mill-ewwel jigi senjalat principju fondamentali fil-ligi civili u cioe' li zwieg bejn il-kontendenti ghandu jkun prezunt li jkun wiehed validu.

Ghalhekk huwa dover assolut ta' kull parti fil-kawza li taghmel prova sodisfacenti ta' l-allegazzjonijet rispettivi taghha dwar l-allegazzjoni u cioe' li z-zwieg huwa null ghaliex l-oneru tal-prova huwa dejjem fuq spallejn min jallega".

L-attrici qed titlob li z-zwieg jigi dikjarat null fit-termini tal-Artikolu 19(1)(d), 19(1)(f) u 19(1)(a) tal-Kap. 255.

L-**Artikolu 19(1) tal-Kap.255** jipprovdi:

"B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skont xi disposizzjoni ohra ta' dan l-Att, zwieg ikun null:

(a) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet jinkiseb bi vjolenza, sew fizika sew morali jew biza.

omissis-

(d) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

omissis-

(f) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga."

L-attrici tippremetti li l-kunsens taghha inkiseb bi vjolenza, fizika jew morali, jew biza. Dan pero' ma rrizultax mill-provi. L-attrici fl-affidavit taghha tghid li l-konvenut kien habib ta' certu Hussien, l-ex ragel ta' ommha, u li dawn flimkien irrangaw kollox biex il-partijiet jizzewgu. Hi ddikjarat "Ghalhekk qiesu kellek kollox miftiehem bejn E u l-ex ragel ta' ommi u jien sibt ruhi mizzewga bir-registru". Tghid li ommha kienet tbaghti min depression u ma kienitx f'posizzjoni li taghtiha parir u missierha ma kienx jaghti kasha.

Dan hu kkontestat mill-konvenut li ipprezenta ittra ffirmata mill-attrici u min ommha, Fol 67 b'konferma tal-involviment personali u certament mhux sforzat da parti taghhom, u rrileva li l-imsemmi Hussien f'dak iz-zmien ma kienx ghadu ma' omm l-attrici. Dan ghalhekk ma setghax jezercita xi forma ta' pressjoni fuq omm l-attrici u l-istess attrici biex din tizzewweg lill-konvenut.

Il-konvenut ipprezenta ukoll, Fol 69, ittra indirizzata lill-attrici mid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali, fejn giet infurmata li t-talba taghha ghall-Ghotja taz-Zwieg datata 27 ta' Novembru 2012 giet michuda peress li n-numru ta' kontribuzzjonijiet tas-Sigurta' Socjali li thallsu qabel d-data taz-zwieg ma kienux sufficjenti.

Dawn ic-cirkostanzi ma jhallu l-ebda dubbju li l-kunsens tal-attrici ma nkisibx bi vjolenza, fizika jew morali, jew biza.

Ghalhekk it-talba attrici in kwantu msejsa fuq l-Artikolu 19 (1) (a) qed tigi respinta.

L-attrici tikkontendi ukoll li l-kunsens tal-kontendenti, jew min minnhom, hu vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, sub inciz (d); u li l-kunsens tal-kontendenti jew min minnhom inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, sub inciz (f).

Il-Qrati taghna f'diversi decizjonijiet irretenew li kawza ghall-annullament taz-zwieg maghmula fit-termini ta' dawn iz-zewg sub incizi, tikkontjeni talbiet kontradittorji.

Fil-kawza fl-ismijiet "**George Baldacchino vs Yingchun Duan**" deciza mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta' Dicembru 2010 intqal:

"It should be noted from the outset that, technically, this case should not have been discussed on its merits, as the two grounds put forward to support a claim for nullity cannot stand together and mutually exclude each other. While claiming that the spouses had sufficient discretion to exclude an intention to marry( simulation), plaintiff is automatically excluding the grounds of lack of discretion; similarly, while claiming a lack of discretion, he is automatically rebutting the ground under paragraph (f), as this implies a positive act of discretion to exclude marriage".

Fil-kawza fl-ismijiet" **C Zammit vs Bernardette Zammit**" citata supra ntqal:

"L-inkompattibilita' bejn dawn iz-zewg kawzali tohrog mill-fatt li n-nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju timplika inkapacita' li wiehed jaghraf, jifhem u jirrifletti filwaqt li l-kawzali ta' simulazzjoni tehtieg li jkun hemm tali kapacita' intellettwali, propju l-att pozittiv tal-volonta' li jwassal ghas-simulazzjoni, totali jew parzjali".

Fil-kawza fl-ismijiet "**Melanie Borg Cachia vs C Borg**" deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta' Mejju 2003 dwar is-subinciz(d) intqal:

"B'dan l-artikolu, il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' immaturita' fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku, izda dan in-nuqqas ta' *discretio judici* huwa kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita' ta'

parti jew ohra fiz-zwieg li taghti kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg. Il-gurisprudenza nostrana ssegwi din l-interpretazzjoni - ghalhekk id-difett jrid ikun wiehed serju fil-fakolta' kritiko-estimativa tal-parti, difett li wiehed jevalwa u jifhem u jassumi dawk li huma d-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taz-zwieg, jew li jevalwa u jifhem x'inhu z-zwieg u l-hajja mizzewga".

Fil-kaz in ezami l-attrici ddikjarat li kellha biss 17-il sena, kienet 'mohh ir-rih', u ma rrealizzatx x'kienu il-konsegwenzi taz-zwieg u xi jfisser zwieg, u li kien biss wara li ghaddew xi snin li rrealizzat li dan ma kienx zwieg. Fl-istess affidavit pero, ddikjarat 'li malli lestiet mir-Registru Pubbliku minn mal-konvenut jien mort dritt ghand l-gharus tieghi u E mar ghal rasu'.

Il-konvenut, mill-banda l-ohra ddikjara li hu kellu 27 sena, kien jaf x'qed jaghmel u x'inhuma d-drittijiet u d-dmirijiet ta' ragel mizzewweg. Jghid li z-zwieg sfaxxa ghax l-attrici kienet zghira wisq biex tifhem l-obbligi u r-responsabiltajiet taz-zwieg, pero' jammetti li qatt ma ghixu flimkien bhala mizzewgin.

Il-fatt li meta zzewwgu l-attrici kienet u baqghet tghix mal-gharus taghha u li l-konvenut ghalkemm izzewweg lill-attrici qatt ma ghix maghha bhala mizzewweg lilha, jfisser mhux li z-zewg partijiet ma kienux jafu x'inhuma l-obbligi u d-drittijiet tal-mizzewgin izda li izzewgu ghal-skopijiet ulterjuri. Huwa evidenti illi l-partijiet ma kellhom l-ebda intenzjoni li jizzewgu izda resqu ghal cerimonja taz-zwieg bl-iskop uniku illi l-konvenut, cittadin ta' pajjiz mhux stat membru ta' l-Unjoni Ewropea, sabiex jottjeni l-permess tal-liberta' ta' moviment gewwa pajjizna u potenzjalment anke fl-istati membri li jifformaw l-Unjoni Ewropea.

Fil-kawza fl-ismijiet "**Al Chahid vs Mary Spiteri**" deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta' Gunju 2002 intqal:

"wiehed jinnota li taht l-artikolu19(1)(f) trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta' l-kunsens tieghu kien gia mentalment dispost li ma jottemperax ruhhu ma xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaghtu lok ghas-separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estremi tal-annullament taz-zwieg".

Fil-kawza fl-ismijiet "**Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar et noe**" deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Mejju 2002 intqal:

"Meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed jrid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed (jew wahda) minnhom, allavolja hu kapaci jaghti l-kunsens validu taz-zwieg, pero' bl-att tieghu hu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda a priori

z-zwieg…….. hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga".

Fil-kawza fl-ismijiet "**Magri vs Magri**" deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta' Lulju 1994 intqal:

"Jekk din il-'consortium vitae' hija nieqsa, l-oggett innifsu tal-kunsens taz-zwieg hu wkoll nieqes. Din il-'consortium vitae' tikkomprendi zewg elementi li huma l-imhabba konjugali u r-reponsabilita' tal-familja".

Intqal ukoll li:

"Meta l-uniku skop tal-kontraent ikun li jibqa' Malta biex jahdem u eventwalment jikseb ic-cittadinanza, hu jkun qieghed posittivament jeskludi iz-zwieg innifsu, b'mod li jkun hemm simulazzjoni totali. Naturalment f'dawn il-kazijiet wiehed ma ghandux jistenna li jsib prova diretta tas-simulazzjoni, fis-sens ta' xi dikjarazzjoni esplicita tal-intenzjoni ta' dak li jkun, pero' tali intenzjoni tista' tigi manifesta wkoll implicitament". (**Cine Grech vs Mahmoud Awwada sive Mahmoud Ali Ibida** (PA 10.10.1995) u **Miriam Ramdan Mabrouk xebba Psaila vs Lovay Ramadan Wahba Mabrouk** (PA 16.01.1998).

Irrizulta li ghalkemm il-partijiet zzewwgu, t-tnejn li huma ma kellhomx l-intenzjoni li jghixu flimkien bhala koppja mizzewga. L-attrici kienet u baqghet tikkoabita mal-gharus taghha u l-konvenut 'kellu hajtu' u kien jghix ghar-rasu. Hu ammetta li qatt ma ghixu flimkien bhala mizzewgin. Dan jfisser li zzewwgu ghal skopijiet ulterjuri, l-attrici biex tibbenefika minn ghotjiet socjali li jipprovdi d-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali u l-konvenut biex jkun jista' liberament jirrisjedi f'Malta. Fl-affidavit tieghu l-konvenut jghid li ilu ghaxar snin f'Malta u li seta' jakkwista c-cittadinanza f'dawk l-ghaxar snin, pero' fil-verita' il-fatt li jkun mizzewweg mara maltija indubbjament tpoggih f'sitwazzjoni vantagjata.

Skond **Artikolu 38 tal-Kapitolu 255** [Att dwar iz-Zwieg] tal-Ligijiet ta' Malta intitolat "Zwigijiet ta' Konvenjenza":-

"(1) Kull persuna li tikkontratta żwieġ bl-iskop uniku li tikseb -

(a) ċittadinanza Maltija; jew
(b) libertà ta' moviment f'Malta; jew
(ċ) permess biex taħdem jew biex tirrisjedi f'Malta; jew
(d) id-dritt li tidħol f'Malta; jew
(e) id-dritt li tikseb kura medika f'Malta,
tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja, piena ta' priġunerija għal mhux iżjed minn sentejn.

(2) Kull dritt jew benefiċċju miksub minn persuna li tkun insabet ħatja ta' reat taħt is-subartikolu (1) abbażi taż-żwieġ illi għalih hemm referenza f'dak is-subartikolu (1) jista' jiġi rexiss jew annullat mill-awtorità pubblika li mingħandha jkun inkiseb.

(3) Kull persuna li tikkuntratta żwieġ ma' persuna oħra meta tkun taf illi l-iskop uniku ta' dik il-persuna l-oħra fl-ikkuntrattar taż-żwieġ huwa wieħed jew iżjed mill-iskopijiet imsemmija fis-subartikolu (1) tkun ħatja ta' reat u teħel meta tinsab ħatja l-istess piena stipulata fis-subartikolu (1)."

Iz-zwieg tal-partijiet ghalhekk ghandu jigi dikjarat null u bla effett fil-ligi billi l-kunsens taz-zewg partijiet kien vizzjat fit-termini tal-Artikolu 19(1)(f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Peress li prima facie jirrizulta illi dan kien zwieg ta' konvenjenza fit-termini tal-Artikolu 38 tal-Kap. 255, il-Qorti ser tordna li kopja tas-sentenza tigi notifikata lill-Kummissarju tal-Pulizija ghall-investigazzjoni opportuna.

**DECIDE.**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed taqta' u tiddecdi l-kawza billi filwaqt li tiddisponi mir-risposta guramentata tal-konvenut konformememnt ma' dak hawn deciz,

1. Tilqa' t-talba tal-attrici u tiddikjara li z-zwieg celebrat mill-kontendenti fis-27 ta' Gunju 2012 hu null u bla effett fil-ligi billi l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-Artikolu 19(1)(f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lill-Kummissarju tal-Pulizija a karigu tar-Registratur tal-Qorti sabiex issir l-investigazzjoni opportuna fid-dawl tar-rizultanzi processwali ta' din il-kawza.

Bl-ispejjez jithallsu nofs mill-attrici u nofs mill-konvenut.

**Imhallef** **Deputat Registratur**